MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1186/2005

**Avviz Numru 1186/05 AJD**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Rita D’Anastasi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200.00), liema somma hija dovuta mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala *excess* wara incident tat-traffiku li sehh nhar il-21 t’Ottubru u dan skond il-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni tal-vettura taghha bn-numru tar-registrazzjoni JAZ 845, involuta fl-istess incident u assigurata mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------